MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2009

Numru. 1345/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**-vs-**

**Stefan Azzopardi**

Kumpilazzjoni numru 1345/2007

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Stefan Azzopardi ta’ 21 sena bin Francis u Maria Dolores nee Fenech imwieled Pieta nhar il-21 ta’ Lulju 1985 u residenti “Sant Marija” ta’ Mincejjen Dingli detentur ta’ karta ta’ identita b’numru 373485M.

Akkuzat talli:

1. Fis-16 ta' Dicembru 2006, ghall-habta ta' 5.30pm fi Triq Ta' Buqana Rabat saq jew kellu kontroll tal-vettura numru FAI 884 fit-triq jew post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
2. Aktar talli saq ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura FAI 884 fit-triq f'post pubbliku wara li kkunsma tant alcohol li l-proporzjoni tieghu fin-nifs, fid-demm jew f'l-urina kien izjed mill-limitu preskritt;
3. Aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolarmenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Giuseppe Borg, Salvino DeCarlo u Maria DeCarlo skond kif iccertifikaw Dr. Alison Abdilla MD ta' SLH, Dr Daniela Demarco MD ta' SLH, u Dr Arlene Debono MD ta' S.L.H rispettivament;
4. Aktar talli kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Margaret Joy Borg, u Mario DeCarlo skond kif iccertifika Dr. Alan Drago;
5. Aktar talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolarmenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna hsarat involontarji fuq vettura numru BAD 486 ghad-dannu ta' Salvino DeCarlo;
6. Aktar talli nvolontarjament ikkaguna hsarat fuq vettura numru DAQ 449 ghad-dannu ta' Joseph Borg.

Il-Prosekuzzjoni tablet li l-imputat jigi skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 226(1)(b)(c), u 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 15A, u 15B tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat ix-xhieda.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma fid-9 ta’ Dicembru 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat minn-naha l-fedina penali tieghu li hija wahda kwazi netta u minn-naha l-ohra n-natura tar-reati u l-konsegwenzi ta’l-agir ta’l-imputat partikolarment l-griehi sofferti mill-parte leza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 226(1)(b)(c) u 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 15A u 15B tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet lilu addebietati u taghhom tikkundannah sitt xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigu sospiezi ghal sena, u ghal multa ta’ elf u hames mitt Euro (€1500) li ghandha tithallas f’pagamenti mensili ta’ hamsin Euro (€50), l-ewwel pagament ghandu jsir f’l-1 ta’ Frar 2009 u jekk ma jsirx hlas ta’ xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal jkun dovut u jithallas minnufih u fin-nuqqas ta’ hlas minnufih tal-bilanc dovut il-multa tigi konvertita fi prigunerija. In oltre il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu kwalunkwe tip ta’ licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta’ sitt (6) xhur.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tal-hati u x’jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------